MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 1/2003

**L-Onorevoli John Dalli**

**vs**

**Felix Agius**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 ta' Jannar tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Illi prevja dikjarazzjoni ta' din il-Qorti illi l-artiklu "John Dalli kellu jbaxxi rasu fuq il-hrug tas-salarju tac-civili" ippubblikat f'pagna 6 tal-harga tal-**

**"Kullhadd" tat-22 ta' Dicembru, tas-sena 2002 – li taghha l-konvenut hu editur – huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tal-attur u jesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku;**

**2. Ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa din il-Qorti bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Ligi Dwar Li Stampa (Kap. 248);**

**3. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-22 ta' Mejju tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-fatti msemmija fl-artikolu in kwistjoni jikkonsistu f'rappurtagg gurnalistiku dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku accettabbli f'socjeta' demokratika;**

**2. Illi in kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f'*fair comment* maghmul in buona fede fuq kwistjoni ta' interess pubbliku;**

**3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali ta' l-attur;**

**Tirrileva li r-rapprezentant tal-konvenut ma kienx prezenti meta kellu l-hin lilu allokat specifikatament ghat-trattazzjoni orali tieghu u naqas ukoll li preventivament jinforma lill-qorti b'dan skond il-ligi;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur hassu malafamat u espost ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku meta l-gazzetta settimanali "Kullhadd" ippubblikat l-artikolu intitolat "John Dalli kellu jbaxxi rasu fuq il-hrug tas-salarji tac-civil" ippubblikat f'pagna 6 tal-harga tat-22 ta' Dicembru tas-sena 2002;**

**2. Illi precizament l-attur hassu malafamat bis-segwenti:**

**a. Illi kienet decizjoni ta' l-attur li c-cekkijiet tal-pagi tal-haddiema tac-civil ma johorgux qabel il-Milied;**

**b. Illi kien l-istess attur li nsista li dan isehh;**

**3. Illi l-attur minn naha tieghu jsostni s-segwenti:**

**a. Illi dak li gara fir-rigward kien propju l-oppost ta' dak li gie rappurtat;**

**b. Illi effettivament kienu impjegati tac-Civili li ppproponew u bdew ezercizzju biex il-pagi johorgu kontra l-prassi tas-soltu ghaliex kien ser ikun hemm distakk konsiderevoli bejn il-gurnata li fiha tithallas il-paga ta' Dicembru tas-sena 2002 u dik li fha tithallas il-paga ta' Jannar tas-sena 2003;**

**c. Illi kuntrarju ghal dak li gie rapportat fl-imsemmi artikolu jirrizulta li kien l-attur li ha passi immedjati biex iwaqqaf l-inizjattiva ta' l-impjegati tac-**

**Civil u ghalhekk jinhargu c-cekkijiet skond il-prattika tas-soltu u mhux kif propost;**

**d. Illi l-attur isostni li dan l-artikolu jiffigura bhala wiehed minn sensiela f'kampanja intiza biex tiskreditah, liema kampanja ilha ppratikata;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-konvenut jirrizulta li hu l-editur tal-gazzetta settimanali "Kullhadd' registrat skond il-ligi ta' l-istampa, (ara fol 18);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-konvenut isostni s-segwenti:**

**1. Illi oltre li hu l-editur tal-gazzetta involuta jirrizulta ex admissis li hu wkoll l-awtur ta' l-artikolu inkriminat;**

**2. Illi jirrizulta lil hu qabad il-gist ta' l-istorja minn sors iehor minnu ndikat u minghajr l-ebda verifika mal-persuna kkoncernata ppubblika l-artikolu de quo;**

**3. Illi l-verifiki li l-istess konvenut jissottometti li ghamel qabel il-pubblikazzjoni ta' l-artikolu de quo huma ghal kollox irrilevanti ghal dan;**

**4. Illi l-istess konvenut ukoll jistqarr li:**

**"*Jiena l-process s'issa rajtu u minn dan jirrizulta illi jiena ma kontx mija fil-mija korrett f'dak li ppubblikajt",* (ara fol 23);**

**5. Illi nonostante din il-konsapevolezza l-istess konvenut isostni li ma hareg l-ebda smentita fir-rigward, (ara fol 24);**

**6. Illi jirrizulta li fit-trattattivi li segwew l-introduzzjoni ta' din il-procedura l-konvenut kien offrut il-possibilita' li jikteb korrezzjoni;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi a skans ta' dilungar inutili kemm mill-analizi tas-suespost kif ukoll mill-ammissjoni ta' l-istess konvenut, jirrizulta pacifiku li l-artikolu in dizamina strarip mill-limiti imposti mill-ligi ta' l-istampa, u ghalhekk qed jigi kkonsidrat li hu malafamanti u libelluz fil-konfront ta' l-attur stante li l-fatti addebitati lill-attur ma jirrizultawx;**

**Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara li l-artikolu intitolat "John Dalli kellu jbaxxi rasu fuq il-hrug tas-salarji tac-civil" ippubblikat f'pagna 6 tal-harga tat-22 ta' Dicembru tas-sena 2002 tal-gazzetta settimanali "Kullhadd" huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur ai termini ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248;**

**2. Taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Vincent Borg vs Victor Camilleri et datata l-15 ta' Novembru ta' l-1994 referibbilment ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni taht il-ligi ta' l-istampa in kontrapposizzjoni ma' dawk ikkontemplati fil-Kodici Civili, u dan bil-ghan li jigu stabbiliti kriterji oggettivi biex jigi salvagwardat il-principju anke tal-proporzjonalita';**

**3. Illi in vista tal-premess din il-qorti qed tissottolinea s-segwenti:**

**a. Illi l-allegazzjonijiet tal-konvenut m'humiex minnhom;**

**b. Illi l-attur mhux biss kellu d-dritt tar-replika lilu moghti mill-Kap 248 izda anke jirrizulta li kellu assigurazzjoni ghal dan mill-konvenut;**

**c. Illi l-konvenut ma effettwax ricerka serja biex jivverifika l-allegazzjoni li kienet qed issir fil-konfront tal-attur;**

**d. Tikkundanna lill-konvenut Felix Agius biex ihallas lill-attur l-Onorevoli John Dalli l-ammont ta' sebghin Lira Maltin (Lm70.00,0), bl-ispejjez.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------